# Uffiċċju tar-Regolatur

## Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali

# Linji Gwida Operazzjonali

Arranġamenti ta' Governanza għall-Uffiċċju tar-Regolatur GħĊSE

| | |
|---|---|
| Verżjoni | 3 |
| Data | 14 ta' Diċembru 2020 |

## 1.0 Interpretazzjoni

01. Sakemm ma jkunx speċifikat mod iehor:

a. Termini li jirreferu għas-singular iġorru l-istess tifsira fil-plural u viċi versa;
b. Referenza għal sess partikolari tirreferi wkoll għal kull sess ieħor;
c. Referenza għal kull Att tal-Parlament jew Regolamenti għandhom jinkludu kull emenda u/jew sostitut tagħhom, kif fis-seħħ fiż-żmien rilevanti;
d. Referenza għar-"Regolatur GħĊSE" tapplika wkoll għal dawk ingaġġati fl-Uffiċċju tar-Regolatur GħĊSE jew kull persuna oħra awtorizzata biex taġixxi f'ismu;
e. Rekwiżit f'dawn il-Linji Gwida Operazzjonali (LGO) għall-kollegament u l-konsultazzjoni huwa rekwiżit għal diskussjoni sħiħa u sinċiera u jinkludi rekwiżit fejn meħtieġ u xieraq, għall-iżvelar sħiħ tal-informazzjoni u l-materjal rilevanti.

02. "Att" jirreferi għall-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188) u kull Regolamenti jew Avviżi Legali maħruġa taħtu li jistgħu direttament jew indirettament jirreferu jew jirrelataw, parzjalment jew fis-sħiħ, mall-funzjonijiet u d-dmirijiet tar-Regolatur GħĊSE.

03. "Regolamenti" jirreferu għar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali, 2020 (A.L. 437 tal-2020) jew ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta, 2014 (A.L. 47 tal-2014) għal dawk il-każijiet fejn l-applikazzjoni għaċ-Ċittadinanza Maltija ġiet sottomessa taħt l-imsemmi programm meta kien għadu fis-seħħ.

## 2.0 Regolamentazzjoni Ahjar

04. Ġeneralment, meta r-Regolatur GħĊSE ikollu bżonn jikkonsulta mal-partijiet interessati, jidħlu fis-seħħ il-proviżjonijiet tad-Direttiva Nru. 6 "Eżerċizzji ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati" li harġet fl-24 ta' Frar 2011, u l-Emenda tad-Direttiva Nru. 6.1 li harġet fis-6 t'April 2017. Madanakollu, jiġu fis-seħħ ukoll il-prinċipji sussegwenti.

05. Ir-Regolatur GħĊSE għandu jipprova jevita li jimponi piż regolatorju li mhux neċessarju, bħal jikkunsidra kif wieħed jista' jnaqqas l-impatt ekonomiku negattiv ta' attivitajiet regolatorji, l-ispejjeż tal-konformità kif ukoll jinkoraġġixxi u jippromovi il-konformità.

06. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, ir-Regolatur GħĊSE għandu jispjega b'mod ċar x'kien il-punt jew attività li ma kinux konformi, x'parir qiegħed jingħata, x'azzjonijiet għandhom jittieħdu jew x'deċiżjonijiet ittieħdu u r-raġunijiet li waslu għal dan. Ir-Regolatur GħĊSE għandu jagħti ċ-ċans li jiġu diskussi l-pariri li nagħtaw, l-azzjonijiet meħtieġa jew id-deċiżjonijiet li ttieħdu. Dan sabiex ikun zgurat li qiegħed jaġixxi b'mod proporzjonat u konsistenti. Dan il-paragrafu ma japplikax f'każijiet fejn ir-Regolatur GħĊSE jista' juri li hemm bżonn infurzar immedjat biex jipprevjeni jew jirrispondi għal ksur serju tal-liġi jew inkella jekk id-diskussjoni tista' ssarraf biex jintilef l-iskop tal-azzjoni li ġiet proposta.

07. Ir-Regolatur GħĊSE huwa fid-dmir li jipprovdi parir u gwida sabiex l-Aġenzija Komunità Malta (minn hawn il-quddiem imsejħa AKM) tkun tista' tifhem aħjar x'inhuma r-rwol u r-responsabbiltaijiet tiegħu.

08. Ir-Regolatur GħĊSE għandu joħloq ambjent fejn l-AKM tħossha komda bil-pariri li tingħata kif ukoll komda biex tfittex parir mingħajr il-biża ta' skattar ta' azzjoni ta' infurzar.

## 3.0 Ir-Regolatur GħĊSE

09. Artiklu 25 tal-Att Dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188) kif emendat bl-Att Nru. XXXVIII tal-2020, jgħid li għandu jkun maħtur Regolatur "għal-finijiet tal-proċess tal-applikazzjoni għall-Għoti taċ-Ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali u l-Program ta' Investitur Individwali billi jiġbor u janalizza data u informazzjoni". Ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali, 2020 huma attwalment irregolati bl-Avviż Legali 437 tal-2020.

010. Ir-Regolatur GħĊSE jiġi maħtur mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni.

011. Kull persuna li tista' tiġi maħtura bħala Regolatur GħĊSE trid tkun persuna li kellha l-kariga ta' Mħallef jew Maġistrat, jew li kellha l-kariga ta' Avukat Ġenerali, Avukat tal-Istat jew Segretarju Permanenti, jew li pprattikat bħala avukat jew awditur jew accountant f'Malta għal żmien ta' mhux inqas minn tnax (12)-il sena. Waqt xi żmien meta r-Regolatur GħĊSE ma jkunx maħtur, l-Ombudsman għandu jaġixxi *ex officio* bħala Regolatur GħĊSE.

012. Ir-Regolatur GħĊSE għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u m'għandux ikun soġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.

013. Ir-Regolatur GħĊSE jista' jistaqsi għal kull tip ta' informazzjoni mingħand l-Aġenzija fl-amministrazzjoni ta' (a) applikazzjonijiet għall-Għoti ta' Ċittadinanza Maltija b'Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali jew (b) applikazzjonijiet għall-għoti ta' Ċittadinanza Maltija permezz tal-Programm ta' Investitur Individwali. Għandu jkun id-dmir tal-Aġenzija li tagħti lir-Regolatur GħĊSE dawk id-dokumenti jew informazzjoni kif hu jista' jitlob għall-finijiet li jippermettulu li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

014. Ir-Regolatur GħĊSE jista' f'kull ħin jirraporta lill-Ministru responsabbli għall-Għoti taċ-Ċitadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali, fuq kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-qadi tal-funzjonijiet tiegħu.

015. Ir-Regolatur GħĊSE għandu jagħmel rapport annwali lill-Ministru dwar il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu. Ir-rapport annwali m'għandux jinkludi data personali relatata ma' individwi li akkwistaw iċ-Ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali jew il-Programm ta' Investitur Individwali.

016. Ir-Regolatur GħĊSE jista' wkoll jinvestiga ilmenti riċevuti fil-forma preskritta kif previst skond it-Tieni Skeda tar-Regolamenti taċ-Cittadinanza, 2020 (Emenda) – A.L. 443 tal-2020 – [ara kopja tal-formola mehmuża ma' dawn il-linji gwida], mill-applikant jew mill-aġent tiegħu f'isem l-applikant imsemmi, dwar il-proċess li sar matul il-valutazzjoni ta' eliġibiltà, f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza Maltija b'Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali jew talbiet għal reviżjonijiet f'każ ta' rifjuti ta' għoti ta' ċittadinanza sottomessi lill-Aġenzija Maltija Programm ta' Investitur Individwali (AMPII)/AKM skont ir-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali.

017. Skond Artiklu 25B tal-Att, ir-Regolatur GħĊSE għandu jipprovdi lill-Kumitat ta' Monitoraġġ b'kull informazzjoni, kif u kull meta mistoqsi.

018. It-titolu tal-Uffiċċju għandu jkun: Uffiċċju tar-Regolatur, Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali (UR-GħĊSE).

## 4.0 L-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali (GħĊSE)

019. L-GħĊSE hija intenzjonata bħala facilità li tippermetti l-għoti taċ-Ċittadinanza Maltija permezz ta' ċertifikat ta' naturalizzazzjoni lil individwi barranin u l-familji tagħhom li jrendu servizzi eċċezzjonali lir-Repubblika ta' Malta permezz ta' –

(a) mertu fuq il-bażi tal-umanità jew fuq bażi ta' interess eċċezzjonali primarjament permezz ta' kontribuzzjonijiet minn xejntisti, riċerkaturi, atleti, nies sportivi, artisti, artisti kulturali, investituri jew intraprendituri; jew

(b) investiment dirett fl-ekonomija u l-iżvilupp soċjali tar-Repubblika ta' Malta.

020. L-AKM hija l-entità governattiva responsabbli għall-GħĊSE. Għaldaqstant ir-Regolatur GħĊSE jirregola l-AKM f'termini tal-funzjonijiet tagħha. Il-paragrafi 021-026 t'hawn taħt jiġbru fil-qosor l-elementi ewlenin tal-GħĊSE.

021. Ir-Regolamenti jagħtu dettalji dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' kif applikant għandu japplika taħt l-GħĊSE u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati.

022. L-AKM se tkun responsabbli biex tagħti il-liċenzji meħtieġa lill-Aġenti.

023. L-AKM, minn żmien għal żmien, tista' toħroġ linji gwida proċedurali sabiex tispeċifika l-aspetti operazzjonali u l-interpretazzjonijiet tagħhom. Dawn se jkunu qegħdin jiffurmaw parti mill-bażi li fuqha ir-Regolatur GħĊSE ikun qiegħed jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

024. In-numru ta' applikanti li jirnexxu, bl-esklużjoni tad-dipendenti, ma' għandux jaqbeż l-erba' mija (400) fis-sena u ma' għandux jaqbeż l-elf u ħames mija (1500) sakemm l-iskema ddum fis-seħħ.

025. L-AKM għandha żżomm ħmistax fil-mija (15%) minn kontribuzzjonijiet riċevuti permezz tal-applikazzjonijiet riċevuti taħt il-GħĊSE, talloka tletin fil-mija (30%) mill-bqija tal-bilanċ għall-Fond Konsolidat u sebgħin fil-mija (70%) għall-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ordni tal-2020 dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Komunità Malta – Avviż Legali 436 tal- 2020.

026. L-GħĊSE jeħtieġ li jissalvagwardja l-obligi internazzjonali u r-reputazzjoni tajba ta' Malta bħala ċentru finanzjarju denju u trasparenti u ġurisdazzjoni għan-negozju internazzjonali.

## 5.0 Superviżjoni Regolatorja tad-Diżpożizzjoni tal-GħĊSE

027. L-intenzjoni tar-Regolatur GħĊSE hija dik li jiżviluppa relazzjoni ta' ħidma kollaborattiva kontinwa ma' l-AKM dwar kwistjonijiet ta' proċedura filwaqt li jibqa' separat, u jitqies li jagħmel dan fir-rigward ta' kull attività operattiva li għaliha hija responsabbli l-AKM. Dan, bil-ħsieb li jiġi stabbilit ftehim ċar tal-proċeduri, l-interpretazzjonijiet u kull rakkomandazzjoni oħra li għandha tiġi adottata fl-implimentazzjoni tal-GħĊSE.

028. Bħala regola ġenerali, l-UR-GħĊSE ma jwettaqx prattiċi paralleli (eż. proċessi u proċeduri ta' diliġenza dovuta) kif imwettqa mill-AKM fl-operat tagħha. Għalkemm, sa ċertu punt, ir-Regolatur GħĊSE jista' jivverifika, jekk jaħseb li hemm il-ħtieġa, il-korrettezza tagħhom f'termini ġenerali jekk jitqajjmu dubbji minn partijiet terzi.

029. Interventi regolatorji huma previsti li jkunu ta' żewġ tipi ewlenin:

a) Konformità ġenerali – igifieri li wieħed jassigura, permezz ta' approċċ ta' immaniġjar ta' riskju, il-verifika ta' kull (i.e. 100%) applikazzjoni li tircieivi l-AKM;

b) Konformità speċifika – fir-rigward ta' każijiet speċifiċi li dwarhom ir-Regolatur GħĊSE ikun ircieva ilment jew fejn ir-Regolatur GħĊSE iħoss li jkun hemm il-ħtieġa ta' investigazzjoni regolatorja minn naħa tiegħu, partikolarment wara xi rapport li jista' jirċievi u/jew xi kontribuzzjoni/aħbar/kummenti li jidhru fil-midja.

030. Ir-Regolatur GħĊSE għandu jippreżenta rapport annwali lill-Ministru, u dan, min-naħa tiegħu għandu iqegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. Ir-rapport annwali huwa previst li jinkludi, iżda mux limitat ghal:

a) Ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp fl-Għoti ta' Ċittadinanza għall-Servizzi Eċċezzjonali, u ħarsa ġenerali lejn l-applikazzjonijiet li għadhom qegħdin jiġu proċessati taħt il-Programm tal-Investitur Individwali;

b) Statistiċi dwar in-numru ta' applikazzjonijiet li ġew riċevuti, proċessati u deċizi kif ukoll kif kienu mqassma l-karatteristiċi ta' dawk li inagħtaw iċ-ċittadinanza Maltija (sess, età, nazzjonalità, etc);

c) Dettalji dwar attivitajiet mwettqa mill-UR-GħĊSE skond l-obbligi riżultanti mir-Regolamenti tal-GħĊSE, fosthom l-ivvettjar regolari tal-applikazzjonijiet (kemm dawk li ġew approvati, kif ukoll dawk li ġew rifjutati fil-fażi tal-valutazzjoni tal-eġibilità) u inizjattivi oħra biex jiġu indirizzati kwalunkwe kwistjonijiet li setgħu inqalgħu matul il-perjodu inkwistjoni.

d) Opinjonijiet mgħoddija lilu mingħand il-partijiet interessati tal-GħĊSE dwar oqsma relevanti;

e) Lista konċiża ta' temi li dehru fid-dominju pubbliku (partikolarment dawk li ġew imqajjma fil-Parlament permezz ta' Mistoqsijiet Parlamentari u/jew dawk li ġew pubblikati fil-midja);

f) Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni fil-futur.

Ir-rapport m'għandux jinkludi data personali relatata ma' individwi li akkwistaw iċ-ċittadinanza Maltija permezz ta' Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali jew il-Programm ta' Investitur Individwali u lanqas għandu jinkludi xi tip ta' referenza għal dak li sar waqt il-Kumitat ta' Monitoraġġ.

## 6.0 Prinċipji ta' Governanza

031. Ir-Regolatur GħĊSE se jaġixxi fuq il-prinċipji ta' governanza li ġejjin:

a. Fokus tal-eżitu – l-attivitajiet ikunu:

   i. Iffukati fuq l-objettivi regolatorji sottostanti;

   ii. Jirrappreżentaw l-iktar kors ta' azzjoni effettiv u effiċjenti;

   iii. Koerenti, jaħdmu lejn għanijiet u objettivi komuni;

   iv. Flessibbli, innovattivi u prattiċi.

b. Proporzjonalità u effiċjenza:

   i. L-ambitu u n-natura tal-miżuri regolatorji għandhom jaqblu mal-benefiċċji li jistgħu jinkisbu;

   ii. Jiġu ġġenerati l-akbar benefiċċji mir-riżorsi uzati;

c. Rispons:

   i. Jirrispondu għal ċirkostanzi partikolari li jistgħu jipprevalu;

   ii. tfassil tal-approċċ biex jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali;

d. Trasparenti u responsabbli:

   i. L-azzjonijiet għandhom ikunu ċari u trasparenti biex jinkoraġġixxu l-fiduċja tal-pubbliku u jipprovdu ċertezza lil AKM (AMPII);

   ii. Il-leġislazzjoni għandha tiġi amministrata u infurzata b'mod ġust u konsistenti.

e. Indipendenti:

   i. Integrità u oġġettività tal-azzjonijiet regolatorji;

   ii. Jiġu eliminati kunflitti ta' interess attwali jew perċepiti, li jistgħu jaffettwaw, jew ikunu jidhru li qegħdin jaffettwaw, fuq it-teħid ta' deċizjonijiet;

f. Komunikattiv:

   i. Jopera f'kuntest dinamiku, magħmul minn partijiet interessati effettwati, kemm pubbliċi kif ukoll privati, inkluż il-pubbliku ġenerali;

   ii. Skambjar ta' informazzjoni operazzjonali ma' aġenziji oħra tal-gvern;

   iii. Żvilupp ta' relazzjonijiet xierqa mas-settur regolat.

## 7.0 Operazzjonijiet Regolatorji ta' Rutina (ORR)

032. Operazzjonijiet Regolatorji ta' Rutina (ORR) huma dawk il-funzjonijiet regolatorji li għandhom jitwettqu fuq bażi regolari u li huma maħsuba biex juru konformità mar-Regolamenti.

033. ORR jinkludu t-talba ta' kull informazzjoni li r-Regolatur GħĊSE jista' jitlob minn kull persuna naturali jew legali imsemmija fl-Att jew fir-Regolamenti, pubbliċi jew privati, b'konnessjoni mal-GħĊSE u din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta.

034. ORR jinkludu l-ivvettjar ta' applikazzjonijiet riċevuti, proċessati u approvati jew inkella rifjutati fl-istadju tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà, biex jiġi żgurat li dawn ġew proċessati b'konformità mar-Regolamenti.

035. ORR jinkludu l-kumpilazzjoni ta' statistika tal-applikazzjonijiet li ġew riċevuti, approvati jew rifjutati, kif ukoll l-oriġini tal-applikant u n-natura tal-investiment li jkun sar f'konformità mar-Regolamenti.

036. ORR jnkludu wkoll il-preparazzjoni ta' rapport annwali li għandu jiġi ppreżentat lill-Ministru biex iqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra.

037. ORR għandhom jinkludu wkoll aġġornament mal-iżvilupp ta' skemi simili, it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, fi stati oħra tal-UE u fi stati Internazzjonali.

038. ORR għandhom jinkludu wkoll formulazzjoni ta' pariri lill-Gvern, lill-Ministru u lill-Kumitat ta' Monitoraġġ fuq kull aspett tal-GħĊSE u l-amministrazzjoni tagħha.

## 8.0 Operazzjonijiet Regolatorji Speċifiċi (ORS)

039. Operazzjonijiet Regolatorji Speċifiċi huma funzjonijiet regolatorji li għandhom jitwettqu b'reazzjoni għal ilment uffiċjali kontra l-AKM meta din tal-aħħar tirrifjuta applikazzjoni fl-istadju tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà, fil-kapaċità tagħha bħala l-amministratur tal-Għoti taċ-Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezjonali skond l-A.L. 437 tal-2020 jew f'każijiet fejn il-Ministru jkun irrifjuta applikazzjoni skond it-termini tal-Programm tal-Investitur Individwali skond l-A.L. 47 tal-2014, kif fis-seħħ qabel ma sar l-A.L 437 tal-2020.

040. Meta r-Regolatur GħĊSE jirċievi ilment bil-mod u l-format kif mitluba mill-liġi, dan għandu jinnotifika lill-AKM u jitlob aċċess għad-dokumentazzjoni tal-applikazzjoni rilevanti. Jekk tinħass il-ħtieġa, r-Regolatur GħĊSE jista' jitlob il-pożizzjoni tal-AKM fir-rigward ta' dak il-każ partikolari.

041. Ir-Regolatur GħĊSE jirriserva d-dritt li, jekk iħoss il-ħteġa, isejjaħ kull parti involuta fl-ilment biex tiġbor l-evidenza meħtiega dwar il-każ in kwistjoni.

042. Ir-Regolatur GħĊSE għandu jeżamina l-każ riferut lilu mill-ilmentatur u jiddetermina jekk ġiex ittrattat b'mod korrett u ekwu mill-AKM f'konformità mar-Regolamenti relativi. Fit-tmiem ta' dan il-proċess, -

(a) jekk il-każ ikun wieħed minn dawk li l-applikazzjoni tkun saret skont il-Programm ta' Investitur Individwali u r-Regolamenti dwaru, jekk ir-Regolatur GħĊSE jiddetermina li l-każ kien ġie ittrattat b'mod korrett, ġust u ekwu mill-AMPII/AKM f'konformità mar-Regolamenti, ir-Regolatur GħĊSE jinforma lill-ilmentatur b'dan, u jekk le ir-Regolatur GħĊSE jinforma b'dan lill-Ministru sabiex dan tal-aħħar jara x'passi għandu jieħu fiċ-ċirkostanzi; u

(b) jekk il-każ ikun wieħed min dawk li l-applikazzjoni tkun saret skont ir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali, jiddetermina x'jiddetermina r-Regolatur GħĊSE dwar dan il-każ, dan għandu jinforma lill-Ministru b'dak kollu li jidhirlu li hu xieraq dwar dan il-każ flimkien mar-Rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar dan l-istess każ.

043. Kopja tar-Rapport u r-Rakkomandazzjonijiet mressqa lill-Ministru mir-Regolatur GħĊSE skont il-paragrafu 042 ta' hawn fuq, għandha tintbgħat ukoll lill-AKM.

Formula D2
(Regolament 4A)

ILMENT RIGWARD IR-RIFJUT TAL-ELIĠIBBILTÀ BIEX TAPPLIKA GĦAN-NATURALIZZAZZJONI BĦALA ĊITTADIN TA' MALTA TAĦT L-ARTIKOLU 10(9) TAL-ATT U R-REGOLAMENTI DWAR L-GĦOTI TA' ĊITTADINANZA GĦAL SERVIZZI EĊĊEZZJONALI

Isem u Kunjom ta' min qiegħed jagħmel l-ilment:

..........................................................................................................................

Indirizz ...............................................................................................................

Lir-Regolatur

Min qiegħed jagħmel l-ilment/Jiena* irċieva/irċivejt* avviż mingħand l-Aġenzija Community Malta permezz ta' ittra datata ................. li l-applikazzjoni tiegħi/tiegħu/tagħha* sabiex niġi/jiġi/tiġi kkunsidrat/a eliġibbli biex napplika/japplika/tapplika għal naturalizzazzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali ġiet irrifjutata mill-Ministru.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25A tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija min qiegħed jagħmel l-ilmment/jiena* qiegħed b'dan jitlob/nitlob li int tagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji fil-proċess li rriżulta għall-imsemmi rifjut.

.......................................................................................................... jew

(Firma ta' min qiegħed jagħmel l-ilment)
** Isem tal-Aġent u n-Numru tal-Liċenzja....................................................

..............................................................

(Firma tal-Aġent)

* Ħassar kif xieraq
** Ħassar jekk l-ilment mhux qiegħed jiġi ppreżentat permezz ta' Aġent f'isem min qiegħed jagħme l-ilment.